

Dan it-test hu maħsub purament bħala għodda ta' dokumentazzjoni u m'għandu l-ebda effett legali. L-istituzzjonijiet tal-Unjoni m'għandhom l-ebda responsabbiltà għall-kontenut tiegħu. Il-verżjonijiet awtentiċi tal-atti rilevanti, inklużi l-preamboli tagħhom, huma daww ippubblikati fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea u disponibbli f'EUR-Lex. Daww it-testi uffiċjali huma aċċessibbli direttament permezz tal-links inkorporati f'dan id-dokument

► **B** **REGOLAMENT (UE) Nru 691/2011 TAL-PARLAMENT EWROPEW U TAL-KUNSILL**
tas-6 ta' Lulju 2011
dwar il-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej
(Test b'relevanza għaż-ŻEE)
(ĠU L 192, 22.7.2011, p. 1)

Emendat minn:

		Ġurnal Uffiċjali		
		Nru	Paġna	Data
► <u>M1</u>	Regolament (UE) Nru 538/2014 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' April 2014	L 158	113	27.5.2014
► <u>M2</u>	Regolament Delegat tal-Kummissjoni (UE) 2022/125 tad-19 ta' Novembru 2021	L 20	40	31.1.2022

Ikkoreġut minn:

- **C1** Emendi, Ġ.U. L 77, 23.3.2016, p. 70 (691/2011)

▼B**REGOLAMENT (UE) Nru 691/2011 TAL-PARLAMENT
EWROPEW U TAL-KUNSILL****tas-6 ta' Lulju 2011****dwar il-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej****(Test b'relevanza għaż-ŻEE)***Artikolu 1***Suġġett**

Dan ir-Regolament jistabbilixxi qafas komuni għall-għbir, il-kompilazzjoni, it-trażmissjoni u l-evalwazzjoni tal-kontijiet ekonomiċi ambjentali Ewropej, għall-fini tal-istabbiliment ta' kontijiet ekonomiċi ambjentali bħala kontijiet satelliti għall-ESA 95, billi jipprevedi metodoloġija u standards, definizzjonijiet, klassifikazzjonijiet u regoli tal-kontijiet komuni maħsubin għall-użu fil-kompilazzjoni ta' kontijiet ekonomiċi ambjentali.

*Artikolu 2***Definizzjonijiet**

Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament id-definizzjonijiet li ġejjin għandhom japplikaw:

- (1) “emissjoni fl-arja” tfisser fluss fiżiku ta' materjali gassużi jew ta' partikuli mill-ekonomika nazzjonali (proċessi ta' produzzjoni jew konsum) fl-atmosfera (bħala parti mis-sistema ambjentali);
- (2) “taxxa marbuta mal-ambjent” tfisser taxxa li l-bażi tagħha hija unità fiżika (jew approssimazzjoni ta' unità fiżika) ta' xi ħaġa li hemm provi li għandha impatt negattiv speċifiku fuq l-ambjent, u li hija identifikata fl-ESA-95 bħala taxxa);
- (3) “kontijiet tal-fluss ta' materjal mifrux mal-ekonomija kollha (EW-MFA) tfisser kumpilazzjonijiet konsistenti tad-dħul materjali fl-ekonomija nazzjonali, il-bidliet fil-ħażna materjali fl-ekonomija u l-ħruġ materjali lejn ekonomija oħra jew lejn l-ambjent;

▼M1

- (4) “infiq għall-protezzjoni ambjentali” tfisser ir-riżorsi ekonomiċi ddedikati għall-protezzjoni ambjentali mill-unitajiet residenti. Il-protezzjoni ambjentali tinkludi l-attivitajiet u l-azzjonijiet kollha li għandhom bħala skop ewlieni l-prevenzjoni, it-tnaqqis u t-tneħħija tat-tniġġis u ta' kwalunkwe degradazzjoni oħra tal-ambjent. Dawk l-attivitajiet u azzjonijiet jinkludu l-miżuri kollha meħuda sabiex jagħtu mill-ġdid il-ħajja lill-ambjent wara li jkun ġie degradat. Huma esklużi minn din id-definizzjoni l-attivitajiet li, filwaqt li jkunu ta' benefiċċju għall-ambjent, jissodisfaw primarjament il-bżonnijiet tekniċi jew ir-rekwiżiti interni għall-iġjene jew is-sikurezza u s-sigurtà ta' intrapriża jew ta' istituzzjoni oħra;
- (5) “settur tal-prodotti u s-servizzi ambjentali” tfisser dawk l-attivitajiet ta' produzzjoni ta' ekonomija nazzjonali li jiġġeneraw prodotti ambjentali (oġġetti u servizzi ambjentali). Il-prodotti ambjentali ġew prodotti għall-protezzjoni ambjentali kif imsemmi fit-tieni

▼M1

sentenza tal-punt (4) u għall-ġestjoni tar-riżorsi. Il-ġestjoni tar-riżorsi tinkludi l-preservazzjoni, iż-żamma u t-tisħiħ tal-istokk ta' riżorsi naturali u għalhekk is-salvagwardja ta' dawk ir-riżorsi kontra t-tnaqqis tagħhom;

- (6) “kontijiet tal-flussi fiżiċi ta' enerġija” tfisser kumpilazzjonijiet konsistenti tal-flussi fiżiċi ta' enerġija fl-ekonomiji nazzjonali, il-flussi li jiċċirkolaw fl-ekonomiji u l-ħruġ lejn ekonomiji oħra jew lejn l-ambjent.

▼B*Artikolu 3***Moduli**

1. Il-kontijiet ekonomiċi ambjentali li għandhom jiġu kkompilati fi ħdan il-qafas komuni msemmi fl-Artikolu 1 għandhom jiġu raggruppati fil-moduli li ġejjin:

- (a) modulu għall-kontijiet tal-emissjonijiet fl-arja, kif stipulat fl-Anness I;
- (b) modulu għat-taxxi marbutin mal-ambjent minn attività ekonomika, kif stipulat fl-Anness II;
- (c) modulu għall-kontijiet tal-fluss ta' materjal mifrux mal-ekonomija kollha, kif stipulat fl-Anness III;

▼M1

- (d) modulu għall-kontijiet tal-protezzjoni u l-infiq ambjentali, kif stipulat fl-Anness IV;
- (e) modulu għall-kontijiet tas-settur tal-prodotti u s-servizzi ambjentali, kif stipulat fl-Anness V;
- (f) modulu għall-kontijiet tal-flussi fiżiċi ta' enerġija, kif stipulat fl-Anness VI.

▼B

2. Kull Anness għandu jkun fih l-informazzjoni li ġejja:

- (a) l-oġettivi li għalihom għandhom jiġu kkompilati l-kontijiet;
- (b) dak li għandhom ikopru l-kontijiet;
- (c) il-lista tal-karatteristiċi li turi liema dejta għandha tiġi kkompilata u trażmessa;
- (d) l-ewwel sena ta' referenza, il-frekwenza u l-iskadenzi tat-trażmissjoni għall-kumpilazzjoni tal-kontijiet;
- (e) it-tabelli ta' rappurtar;
- (f) it-tul ta' żmien massimu tal-perijodi tranżitorji msemmijin fl-Artikolu 8 li matulhom il-Kummissjoni tista' tagħti derogi.

3. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa biex tadotta atti delegati, fejn hu meħtieġ biex jitqiesu l-iżviluppi ambjentali, ekonomiċi u tekniċi, skont l-Artikolu 9:

- (a) biex tipprovdi gwida metodoloġika; u
- (b) biex taġġorna l-Annessi msemmija fil-paragrafu 1 fir-rigward tal-informazzjoni msemmija fil-paragrafu 2 (c) sa (e).

Fl-eżerċizzju tas-setgħa tagħha skont dan il-paragrafu, il-Kummissjoni għandha tiżgura li l-atti delegati tagħha ma jimponux piżijiet amministrattivi addizzjonali sinifikanti fuq l-Istati Membri u fuq l-unitajiet rispondenti.

▼M1

4. Il-Kummissjoni għandha tingħata s-setgħa li tadotta atti delegati skont l-Artikolu 9 sabiex tispeċifika l-prodotti ta' enerġija msemija fit-Taqsima 3 tal-Anness VI, abbażi tal-listi stipulati fl-Annessi għar-Regolament (KE) Nru 1099/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill ⁽¹⁾.

Tali atti delegati m'għandhomx jimponu piż sinifikanti addizzjonali fuq l-Istati Membri jew fuq daww li jwiegħbu. Meta tkun qed tistabbilixxi u sussegwentement taġġorna l-listi msemija fl-ewwel subparagrafu, il-Kummissjoni għandha tiġġustifika l-azzjonijiet, filwaqt li fejn xieraq tuża input minn esperti rilevanti f'analiżi tal-kost-effettività, inkluża valutazzjoni tal-piż fuq daww li jwiegħbu u tal-ispejjeż ta' produzzjoni.

5. Sabiex tiffaċilita applikazzjoni uniformi tal-Anness V, sal-31 ta' Diċembru 2015, il-Kummissjoni għandha, permezz ta' atti ta' implimentazzjoni, tistabbilixxi għabra indikattiva tal-prodotti u s-servizzi ambjentali u tal-attivitajiet ekonomiċi li għandhom ikunu koperti mill-Anness V abbażi tal-kategoriji li ġejjin: servizzi ambjentali speċifiċi, prodotti bi iskop unikament ambjentali (prodotti konnessi), prodotti adattati u teknoloġiji ambjentali. Il-Kummissjoni għandha taġġorna l-għabra fejn meħtieġ.

L-atti ta' implimentazzjoni msemija fl-ewwel subparagrafu għandhom jiġu adottati skont il-proċedura ta' eżami msemija fl-Artikolu 11(2).

▼B*Artikolu 4***Studji pilota**

1. Il-Kummissjoni għandha tfassal programm għat-tweqqif ta' studji pilota mill-Istati Membri fuq bażi volontarja biex jiġi żviluppata ir-rapportar u titjeb il-kwalità tad-dejta, jiġu stabbiliti sensieli fuq tul ta' żmien u tiġi żviluppata metodoloġija. Il-programm għandu jinkludi studji pilota biex tiġi ttestjata l-fattibbiltà tal-introduzzjoni ta' moduli ġodda ta' kontijiet ekonomiċi ambjentali. Fit-tfassil tal-programm, il-Kummissjoni għandha tiżgura li ma jitpoġġa l-ebda piż amministrattiv jew finanzjarju addizzjonali fuq l-Istati Membri u fuq l-unitajiet risponsenti.

2. Is-sejbiet tal-istudji pilota għandhom jiġu evalwati u ppubblikati mill-Kummissjoni, b'kont meħud tal-benefiċċji tad-disponibbiltà tad-dejta mqabblin mal-ispejjeż tal-ġbir u l-piż amministrattiv tar-rispons. Dawn is-sejbiet għandhom jiġu kkunsidrati fil-proposti għall-introduzzjoni ta' moduli ġodda ta' kontijiet ekonomiċi ambjentali li l-Kummissjoni tista' tinkludi fir-rapport imsemmi fl-Artikolu 10.

*Artikolu 5***Ġbir ta' dejta**

1. F'konformità mal-Annessi ta' dan ir-Regolament, l-Istati Membri għandhom jiġbru d-dejta meħtieġa biex jiġu osservati l-karatteristiċi msemmin fl-Artikolu 3(2)(c).

⁽¹⁾ Ir-Regolament (KE) Nru 1099/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-22 ta' Ottubru 2008 dwar l-istatistika dwar l-enerġija (ĠU L 304, 14.11.2008, p. 1).

▼B

2. L-Istati Membri għandhom jiġbru d-dejta meħtieġa bl-użu ta' kombinazzjoni tas-sorsi differenti speċifikati hawn taħt u filwaqt li japplikaw il-prinċipju ta' simplifikazzjoni amministrattiva:

- (a) sħarriġiet;
- (b) proċeduri ta' estimi statistiċi f'każijiet fejn xi wħud mill-karatteristiċi ma jkunux ġew osservati għall-unitajiet kollha;
- (c) sorsi amministrattivi.

3. L-Istati Membri għandhom jinfurmaw lill-Kummissjoni u għandhom jipprovdu dettalji dwar il-metodi u s-sorsi użati.

*Artikolu 6***Trażmissjoni lill-Kummissjoni (Eurostat)**

1. L-Istati Membri għandhom jittrażmettu lill-Kummissjoni (Eurostat) id-dejta li tinsab fl-Annessi, inkluża dik kunfidenzjali, fl-iskadenzi speċifikati fihom.

2. Id-dejta għandha tiġi trażmessa f'format tekniku adatt, li jrid ikun stipulat mill-Kummissjoni permezz ta' atti ta' implimentazzjoni. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 11(2).

*Artikolu 7***Valutazzjoni tal-kwalità**

1. Għall-finijiet ta' dan ir-Regolament, il-kriterji ta' kwalità kif imsemmija fl-Artikolu 12(1) tar-Regolament (KE) Nru 223/2009 għandhom japplikaw għad-dejta li tiġi trażmessa.

2. L-Istati Membri għandhom jipprovdu lill-Kummissjoni (Eurostat) b'rapport dwar il-kwalità tad-dejta trażmessa.

3. Fl-applikazzjoni tal-kriterji ta' kwalità, imsemmija fil-paragrafu 1, għad-dejta koperta minn dan ir-Regolament, il-Kummissjoni għandha tadotta atti ta' implimentazzjoni bil-ħsieb li jiġu definiti l-modalitajiet, l-istruttura u l-frekwenza perijodika tar-rapporti ta' kwalità. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 11(2).

4. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tivvaluta l-kwalità tad-dejta trażmessa u tista', fi żmien xahar minn meta tirċievi d-dejta, titlob lill-Istat Membru inkwistjoni biex jippreżenta informazzjoni addizzjonali rigward id-dejta jew sett ta' dejta riveduta, kif adatt.

*Artikolu 8***Derogi**

1. Il-Kummissjoni tista' tadotta atti ta' implimentazzjoni bl-għan li tagħti derogi lill-Istati Membri matul il-perijodi tranżitorji msemmija fl-Annessi safejn is-sistemi tal-istatistika nazzjonali jeħtieġu adattamenti maġġuri. Dawk l-atti ta' implimentazzjoni għandhom jiġu adottati f'konformità mal-proċedura ta' eżami msemmija fl-Artikolu 11(2).

▼ **M1**

2. Għall-finijiet li tinkiseb deroga skont il-paragrafu 1 għall-Annessi I, II u III, l-Istat Membru kkonċernat għandu jippreżenta talba debitament ġustifikata lill-Kummissjoni sat-12 ta' Novembru 2011. Għall-finijiet li tinkiseb deroga skont il-paragrafu 1 għall-Annessi IV, VI u VI, l-Istat Membru kkonċernat għandu jippreżenta talba debitament ġustifikata lill-Kummissjoni sas-17 ta' Settembru 2014.

▼ **B***Artikolu 9***Eżerċizzju tad-delega**

1. Is-setgħa ta' adozzjoni ta' atti delegati hija kkonferita fuq il-Kummissjoni soġġett għall-kondizzjonijiet li jinsabu f'dan l-Artikolu.

▼ **M1**

2. Is-setgħa li tadotta atti delegati msemija fl-Artikolu 3(3) u (4) għandha tiġi kkonferita fuq il-Kummissjoni għal perijodu ta' ħames snin mill-11 ta' Awwissu 2011. Il-Kummissjoni għandha tfassal rapport fir-rigward tad-delega ta' setgħa mhux aktar tard minn disa' xhur qabel it-tmiem tal-perijodu ta' ħames snin. Id-delega ta' setgħa għandha tiġi estiża b'mod taċitu għal perijodi ta' żmien ta' tul identiku, sakemm il-Parlament Ewropew jew il-Kunsill ma jopponux din l-estensjoni sa mhux aktar tard minn tliet xhur qabel it-tmiem ta' kull perijodu.

3. Id-delega ta' setgħa msemija fl-Artikolu 3(3) u (4) tista' tiġi revokata fi kwalunkwe żmien mill-Parlament Ewropew jew mill-Kunsill. Deċiżjoni ta' revoka għandha ttemm id-delega tas-setgħa speċifikata f'dik id-deċiżjoni. Din għandha tiegħu effett fil-jum ta' wara dak tal-pubblikazzjoni tad-deċiżjoni *f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* jew f'data aktar tard speċifikata fiha. Din ma għandhiex taffettwa l-validità ta' kwalunkwe att delegat li jkunu diġà fis-seħħ.

▼ **B**

4. Hekk kif tadotta att delegat, il-Kummissjoni għandha fl-istess ħin tinnotifikah lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill.

▼ **M1**

5. Att delegat adottat f'konformità mal-Artikolu 3(3) u (4) għandu jidħol fis-seħħ biss jekk ma tkun ġiet espressal-ebda oġġezzjoni la mill-Parlament Ewropew u lanqas mill-Kunsill fi żmien perijodu ta' xahrejn min-notifika ta' dak l-att lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill jew jekk, qabel l-iskadenza ta' dak il-perijodu, il-Parlament Ewropew u l-Kunsill ikunu t-tnejn infurmaw lill-Kummissjoni li huma mhumiex ser joġġezzjonaw. Dak il-perijodu għandu jiġi estiż b'xahrejn fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew jew tal-Kunsill.

▼ **B***Artikolu 10***Rapport u rieżami**

Sal-31 ta' Diċembru 2013 u kull tliet snin wara dan, il-Kummissjoni għandha tippreżenta rapport dwar l-implimentazzjoni ta' dan ir-Regolament lill-Parlament Ewropew u lill-Kunsill. Dak ir-rapport għandu jevalwa b'mod partikolari l-kwalità tad-dejta trażmessa, il-metodi ta' ġbir ta' dejta, il-piż amministrattiv fuq l-Istati Membri u fuq l-unitajiet rispondenti, kif ukoll il-fattibbiltà u l-effikaċja ta' dik l-istatistika.

Ir-rapport għandu, jekk adatt u b'kont meħud tas-sejbiet imsemmija fl-Artikolu 4(2), jiġi akkumpanjat minn propositi:

▼B

- għall-introduzzjoni ta' moduli ġodda ta' kontijiet ekonomiċi ambjentali, bħall-Infiq u d-Dħul għall-Protezzjoni Ambjentali (EPER)/Kontijiet ta' Infiq għall-Protezzjoni Ambjentali (EPEA), is-Settur tal-Prodotti u s-Servizzi Ambjentali (EGSS); il-Kontijiet tal-Enerġija, it-Trasferimenti Relatati mal-Ambjent (sussidji), il-Kontijiet ta' Nfiq għall-Użu u l-Ġestjoni tar-Riżorsi (RUMEA), il-Kontijiet tal-Ilma (kwantitattivi u kwalitattivi), il-Kontijiet tal-Iskart, il-Kontijiet tar-Riżorsi Forestali, il-Kontijiet tas-Servizzi tal-Ekosistemi, il-Kontijiet ta' Ħażniet ta' Materjal Mifruxin mal-Ekonomija Kollha (EW-MSA) u l-kejl ta' materjal imħaffer mill-art u mhux użat (inkluża l-ħamrija);
- imfassla biex ikomplu jtejbu l-kwalità tad-dejta u l-metodi tal-ġbir ta' dejta, biex b'hekk jittejbu l-kopertura u l-komparabbiltà tad-dejta u jtnaqqas il-piż amministrattiv fuq in-negozji u l-amministrazzjoni.

*Artikolu 11***Kumitat**

1. Il-Kummissjoni għandha tkun assistita mill-Kumitat tas-Sistema Ewropea tal-Istatistika stabbilit bir-Regolament (KE) Nru 223/2009. Dak il-Kumitat għandu jkun kumitat fit-tifsira tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.
2. Fejn issir referenza għal dan il-paragrafu, għandu japplika l-Artikolu 5 tar-Regolament (UE) Nru 182/2011.

*Artikolu 12***Dħul fis-seħħ**

Dan ir-Regolament għandu jidhul fis-seħħ fl-għoxrin jum wara dak tal-pubblikazzjoni tiegħu f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.



ANNESS I

MODULU GĦALL-KONTIJET TAL-EMISSIONIJET FL-ARJA

Taqsim 1

OBJETTIVI

Il-kontijiet tal-emissionijiet fl-arja jirreġistraw u jippreżentaw dejta dwar l-emissionijiet fl-arja b'mod li jkun kompatibbli mas-sistema tal-kontijiet nazzjonali. Huma jirreġistraw l-emissionijiet fl-arja tal-ekonomiji nazzjonali f'analisi sistematika skont l-attività ekonomika li tikkawża emissionijiet fl-arja kif deskritt fl-ESA 95. L-attivitàjiet ekonomiċi jinkludu l-produzzjoni u l-konsum.

Dan l-Anness jiddefinixxi d-dejta li għandha tinġabar, tiġi kkompilata, trażmessa u evalwata għall-kontijiet tal-emissionijiet fl-arja mill-Istati Membri. Dik id-dejta ser tiġi żviluppata b'mod li jorbot l-emissionijiet mal-attivitàjiet ekonomiċi ta' produzzjoni u konsum mill-industriji u d-djar privati. Id-dejta dwar l-emissionijiet diretti li tiġi rappurtata skont dan ir-Regolament ser tiġi kkombinata mat-tabelli ekonomiċi tad-dħul u l-ħruġ, mat-tabelli tal-forniment u l-użu u mad-dejta dwar il-konsum fid-djar privati li diġà qed jiġu rappurtati lill-Kummissjoni (Eurostat) bħala parti mir-rappurtar tal-ESA 95.

Taqsim 2

KOPERTURA

Il-kontijiet tal-emissionijiet fl-arja għandhom l-istess konfini tas-sistema bħall-ESA 95 u huma bbażati wkoll fuq l-istess prinċipju ta' residenza.

F'konformità mal-ESA 95, il-kunċett ta' residenza huwa bbażat fuq il-prinċipju li ġej: unità hija definita bħala unità residenti ta' pajjiż meta jkollha ċentru ta' interess ekonomiku fit-territorju ekonomiku ta' dak il-pajjiż, — jiġifieri, meta għal perijodu estiż (sena jew aktar) hija tinvolvi ruħha f'attivitàjiet ekonomiċi f'dak it-territorju.

Il-kontijiet tal-emissionijiet fl-arja jirreġistraw l-emissionijiet li jirriżultaw mill-attivitàjiet tal-unitajiet residenzjali, mingħajr ma jitqies minn fejn ikunu ġejjin ġeografikament.

Il-kontijiet tal-emissionijiet fl-arja jirreġistraw il-flussi ta' materjali residwi gassużi u ta' partikuli li joriġinaw mill-ekonomija nazzjonali u jidħlu fl-atmosfera. Għall-fini ta' dan ir-Regolament, it-terminu "atmosfera" jirreferi għal komponent tas-sistema ambjentali. Il-konfini tas-sistema jirreferi għall-konfini bejn l-ekonomija nazzjonali (bħala parti mis-sistema ekonomika) u l-atmosfera (bħala parti tas-sistema ambjentali). Wara li jkunu qasmu l-konfini tas-sistema, is-sostanzi emessi jkunu ħarġu minn kull kontroll tal-bniedem u saru parti miċ-ċikli tal-materjali naturali fejn jistgħu jikkawżaw diversi tipi ta' impatti ambjentali.



Taqsim 3

LISTA TA' KARATTERISTIĊI

L-Istati Membri għandhom jipproduċu statistika dwar l-emissionijiet tas-sustanzi li jniġġsu fl-arja, li ġejjin:

Isem	Simbolu	Unità ta' rapportar
Diossidu tal-karbonju mingħajr emissionijiet mill-bijomassa	CO ₂	1 000 tunnellata (Gg)
Diossidu tal-karbonju mill-bijomassa	Bijomassa CO ₂	1 000 tunnellata (Gg)

▼ **M2**

Isem	Simbolu	Unità ta' rapportar
Ossidu nitruż	N ₂ O	tunnellati (Mg)
Metan	CH ₄	tunnellati (Mg)
Perfluworokarburi	PFC	tunnellati (Mg) ekwivalenti ta' CO ₂
Idrofluworokarburi	HFC	tunnellati (Mg) ekwivalenti ta' CO ₂
Eżafuworur tal-kubrit u trifluworur tan-nitroġenu	SF ₆ NF ₃	tunnellati (Mg) ekwivalenti ta' CO ₂
Ossidi tan-nitroġenu	NO _x	tunnellati (Mg) ekwivalenti ta' NO ₂
Komposti volatili organiċi mhux metaniċi	NMVOC	tunnellati (Mg)
Monossidu tal-karbonju	CO	tunnellati (Mg)
Materja partikolata < 10 µm	PM ₁₀	tunnellati (Mg)
Materja partikolata < 2,5 µm	PM _{2,5}	tunnellati (Mg)
Ossidi tal-kubrit	SO _x	tunnellati (Mg) ekwivalenti ta' SO ₂
Ammonijaka	NH ₃	tunnellati (Mg)

Id-*data* kollha għandha tkun rapportata sa punt deċimali wiehded.

▼ **B****Taqsim 4**

L-EWWEL SENA TA' REFERENZA, IL-FREKWENZA U L-ISKADENZI GĦAT-TRAŻMISSJONI

1. L-istatistika għandha tkun kumpilata u trażmessa fuq bażi annwali.
2. L-istatistika għandha tiġi trażmessa fi żmien 21 xahar mit-tmiem tas-sena ta' referenza.
3. Sabiex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet tal-utent għal settijiet ta' dejta kompleti u fil-ħin, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tipproduċi, hekk kif issir disponibbli dejta suffiċjenti skont il-pajjiżi, estimi għat-totali tal-UE-27 għall-aggregati prinċipali ta' dan il-modulu. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha, kull fejn possibbli, tipproduċi u tippubblika estimi għad-dejta li ma ġietx trażmessa mill-Istati Membri fl-iskadenzi speċifikati fil-punt 2.
4. L-ewwel sena ta' referenza hija s-sena li fiha jidħol fis-seħħ ir-Regolament.
5. Fl-ewwel trażmissjoni tad-dejta, l-Istati Membri għandhom jinkludu d-dejta annwali mill-2008 sal-ewwel sena ta' referenza.
6. F'kull trażmissjoni sussegwenti ta' dejta lill-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jipprovdu dejta annwali għas-senni n-4, n-3, n-2, n-1 u n, fejn n hija s-sena ta' referenza.

▼ **M2****Taqsim 5**

TABELLI TA' RAPPORTAR

1. Għal kull waħda mill-karatteristiċi msemmija fit-Taqsim 3, id-*data* għandha tkun prodotta permezz ta' klassifikazzjoni ġerarkika ta' attivitajiet ekonomiċi, NACE Rev. 2 (livell ta' aggregazzjoni A*64), kompletament kompatibbli mal-ESA 95. Barra minn hekk, għandha tkun prodotta *data* għall-:

▼M2

- Emissjonijiet tal-arja mill-unitajiet domestiċi,
- Entrati rikonċiljatorji, jiġifieri entrati ta' rapportar li jirrikonċiljaw ċarament id-differenzi bejn il-kontijiet tal-emissjonijiet tal-arja rapportati skont dan ir-Regolament u dik id-*data* rapportata fl-inventarji nazzjonali uffiċjali dwar l-emissjonijiet tal-arja.

2. Il-klassifikazzjoni ġerarkika msemmija fil-paragrafu 1 hija kif ġej:

Emissjonijiet tal-arja skont l-industrija — NACE Rev. 2 (A*64)

Emissjonijiet tal-arja mill-unitajiet domestiċi

— Trasport

— Tisħin/tkessiħ

— Oħra

Entrati rikonċiljatorji

Total tal-kontijiet tal-emissjonijiet tal-arja (attivitajiet ta' produzzjoni + unitajiet domestiċi) għal kull waħda mill-karatteristiċi msemmija fit-Taqsima 3

Nieqes ir-residenti nazzjonali li jkunu msefrin

— Bastimenti tas-sajd nazzjonali li jkunu qegħdin joperaw barra mill-pajjiż

— Trasport fuq l-art

— Trasport fuq l-ilma

— Trasport bl-ajru

Plus nies nonresidenti fit-territorju

+ Trasport fuq l-art

+ Trasport fuq l-ilma

+ Trasport bl-ajru

(+) jew (-) Aġġustamenti oħra u diskrepanzi fl-istatistika

= Total ta' emissjonijiet ta' inkwinant X kif rapportati lill-UNFCCC ⁽¹⁾/CLRTAP ⁽²⁾**▼B****Taqsima 6****TUL TA' ŻMIEN MASSIMU TAL-PERIJODI TRANŻITORJI**

Għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness, it-tul ta' żmien massimu tal-perijodu tranżitorju huwa ta' sentejn mill-iskadenza tal-ewwel trażmissjoni.

⁽¹⁾ Il-Konvenzjoni Qafas tan-Nazzjonijiet Uniti dwar it-Tibdil fil-Klima.

⁽²⁾ Il-Konvenzjoni fuq it-Tniġġis tal-Arja Transkonfini fuq Distanza Kbira.



ANNEX II

MODULU GĦAT-TAXXI RELATATI MAL-AMBJENT MILL-ATTIVITÀ EKONOMIKA

Taqsim 1

OBJETTIVI

L-istatistika dwar it-taxxi relatati mal-ambjent tirreġistra u tippreżenta dejta kif tidher mill-perspettiva tal-entitajiet li jħallu t-taxxi b'mod li huwa kompletament kompatibbli mad-dejta rapportata skont l-ESA 95. Din tirreġistra d-dħul mit-taxxi relatati mal-ambjent tal-ekonomiji nazzjonali skont l-attività ekonomika. L-attivitajiet ekonomiċi jinkludu l-produzzjoni u l-konsum.

Dan l-Anness jiddefinixxi d-dejta li għandha tinġabar, tiġi ikkumpilata, trażmessa u evalwata għad-dħul mit-taxxi relatati mal-ambjent skont l-attività ekonomika mill-Istati Membri.

L-istatistika dwar it-taxxi marbutin mal-ambjent tista' tuża l-istatistika dwar it-taxxi u l-istatistika dwar il-finanzi tal-gvern direttament, iżda hemm xi vantaġġi meta tintuża d-dejta dwar it-taxxi rrapportata skont l-ESA-95, jekk dan ikun possibbli.

L-istatistika dwar it-taxxi relatati mal-ambjent hija bbażata fuq l-ammonti murija mill-valutazzjonijiet u d-dikjarazzjonijiet jew l-irċevuti ta' flus kontanti aġġustati għaż-żmien, biex tkun żgurata l-konsistenza mal-ESA-95 u biex tittejjeb il-komparabbiltà internazzjonali.

L-ESA-95 fiha wkoll informazzjoni dwar liema huma l-industriji u s-setturi li qegħdin iħallu t-taxxi. L-informazzjoni dwar it-taxxi rapportata taħt l-ESA-95 tista' tinstab fil-kontijiet tas-settur istituzzjonali u t-tabelli tal-forniment u l-użu.

Taqsim 2

KOPERTURA

It-taxxi relatati mal-ambjent għandhom l-istess konfini tas-sistema bħall-ESA 95 u jikkonsistu f'pagamenti obligatorji mhux imraddin lura, fi flus kontanti jew in natura, li jiġu ntaxxati mill-gvern ġenerali jew mill-istituzzjonijiet tal-Unjoni.

It-taxxi relatati mal-ambjent jidħlu fil-kategoriji tal-ESA 95 li ġejjin:

- taxxi fuq il-produzzjoni u l-importazzjonijiet (D.2),
- taxxi attwali fuq id-dħul, il-ġid, eċċ. (D.5),
- taxxi kapitali (D.91).



Taqsim 3

LISTA TA' KARATTERISTIĊI

L-Istati Membri għandhom jipproduċu l-istatistika dwar it-taxxi relatati mal-ambjent skont il-karatteristiċi li ġejjin:

- taxxi fuq l-enerġija,
- taxxi fuq it-trasport,
- taxxi fuq it-tniġġis,
- taxxi fuq ir-riżorsi,

L-Istati Membri għandhom jirrapportaw ukoll, bħala karatteristika distinta, id-dħul mit-taxxa tal-gvern irreġistrat fis-Sistema Ewropea tal-Kontijiet fir-rigward tal-parteċipazzjoni tagħhom fl-Iskema tal-UE għan-Negozjar ta' Emissjonijiet.

▼ M2

L-Istati Membri għandhom jirrapportaw ukoll, bħala karatteristika distinta, taxxi oħra relatati mal-ambjent li ġew inklużi fit-taxxi totali fuq l-enerġija, it-trasport, it-tniġġis jew ir-riżorsi u li huma imposti fuq il-kontenut tal-karbonju tal-fjuwils (taxxi oħra tas-CO₂).

Id-*data* kollha għandha tiġi rapportata f'miljuni, fil-munita nazzjonali.

Taqsim 4

L-EWWEL SENA TA' REFERENZA, FREKWENZA U SKADENZI GĦAT-TRAŻMISSJONI

1. L-istatistika għandha tiġi kumpilata u trażmessa fuq bażi annwali.
2. L-istatistiċi għandhom jiġu trażmessi fi żmien 16-il xahar mit-tmiem tas-sena ta' referenza. Dan japplika mis-sena ta' referenza 2020.
3. Sabiex jiġu ssodisfati l-bżonnijiet tal-utent għal settijiet ta' *data* kompleti u tempestivi, malli jkun hemm disponibbli *data* suffiċjenti ta' pajjiż, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tipproduċi stimi għat-totali tal-UE-27 għall-aggregati prinċipali ta' dan il-modulu. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha, kull fejn possibbli, tipproduċi u tippubblika stimi għad-*data* li ma ġietx trażmessa mill-Istati Membri fl-iskadenza speċifikata fil-punt 2.
4. L-ewwel sena ta' referenza hija l-2020.
5. F'kull trażmissjoni ta' *data* lill-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jipprovdu *data* annwali għas-snin n-4, n-3, n-2, n-1 u n, fejn n hija s-sena ta' referenza. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu kwalunkwe *data* disponibbli għas-snin ta' qabel l-2016.

▼ B**Taqsim 5**

TABELLI TA' RAPPORTAR

Għal kull waħda mill-karatteristiċi msemmija fit-Taqsim 3, id-dejta għandha tkun rapportata mill-perspettiva tal-entitajiet li jħallsu t-taxxi.

Għall-produtturi, għandha tiġi rapportata dejta fuq analiżi sistematika tal-klassifikazzjoni ġerarkika tal-attivitajiet ekonomiċi, NACE Rev.2 (livell ta' aggregazzjoni A*64 kif stipulat fl-ESA 95).

Għall-konsumaturi, għandha tiġi rapportata dejta għal:

— djar privati,

— nies li mhumiex residenti.

Fejn it-taxxa ma tistax tiġi attribwita li xi waħda mir-raggruppamenti ta' attivitajiet imsemmijin hawn fuq, id-dejta għandha tiġi rapportata bħala mhux alllokata.

Taqsim 6

TUL TA' ŻMIEN MASSIMU TAL-PERIJODI TRANŻITORJI

Għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness, it-tul ta' żmien massimu tal-perijodu tranżitorju huwa ta' sentejn mill-iskadenza għall-ewwel trażmissjoni.



ANNEX III

MODULU GĦALL-KONTIJJET TAL-FLUSS TA' MATERJAL MIFRUX MAL-EKONOMIJA KOLLHA (EW-MFA)

Taqsim 1

OBJETTIVI

L-EW-MFA jkopri l-materjali solidi, gassużi u likwidi kollha, minbarra l-flussi tal-arja u l-ilma, imkejla f'unitajiet ta' massa għal kull sena. Bħas-sistema ta' kontijiet nazzjonali, l-EW-MFA iservi żewġ finijiet ewlenin. Il-flussi tal-materjali dettaljati jipprovdu bażi ta' dejta empirika rikka għal għadd kbir ta' studji analitiċi. Dawn jintużaw ukoll biex jiġu kumpilati varjetà ta' indikaturi ta' flussi ta' materjal mifrux mal-ekonomija kollha għall-ekonomiji nazzjonali.

Dan l-Anness jiddefinixxi d-dejta li għandha tinġabar, tiġi kkompilata, trażmessa u evalwata għall-EW-MFA mill-Istati Membri.

Taqsim 2

KOPERTURA

Id-distinzjoni bejn ħażniet u flussi hija prinċipju fundamentali ta' sistema ta' fluss ta' materjal. B'mod ġenerali, fluss huwa element varjabbli li jkejjel kwantità għal kull perijodu ta' żmien, filwaqt li ħażna hija element varjabbli li jkejjel kwantità f'ċertu mument ta' żmien. L-EW-MFA huma kunċett ta' flussi. Dan ikejjel il-flussi ta' dħul materjali, ħruġ u l-bidliet fil-ħażna fi ħdan l-ekonomija f'unitajiet ta' massa għal kull sena.

L-EW-MFA huwa koerenti mal-prinċipji tas-sistema tal-kontijiet nazzjonali, bħall-prinċipju ta' residenza. Huwa jispjega l-flussi ta' materjali assoċjati mal-attivitajiet tal-unitajiet residenzjali kollha ta' ekonomija nazzjonali irrispettivament mill-pożizzjoni ġeografika tagħhom.

Fl-EW-MFA, hemm żewġ tipi ta' flussi ta' materjali li jaqbz u l-konfini tas-sistemi li huma rilevanti:

1. Il-flussi ta' materjali bejn l-ekonomija nazzjonali u l-ambjent naturali tagħha. Dan jikkonsisti fl-estrazzjoni ta' materjali (jiġifieri, materja prima, maħduma jew verġni) mill-ambjent naturali u r-rimi ta' materjali (spiss imsejħa residwi) fl-ambjent naturali.
2. Il-flussi ta' materjali bejn l-ekonomija nazzjonali u l-kumplement tal-ekonomija tad-dinja. Dawn jinkludu l-importazzjonijiet u l-esportazzjonijiet.

Il-flussi kollha li jaqbz dawn il-konfini tas-sistemi huma inklużi fl-EW-MFA, kif ukoll l-addizzjonijiet għall-ħażniet magħmulin mill-bniedem. Il-flussi ta' materjali l-oħra kollha fl-ekonomija mhumiex rappreżentati fl-EW-MFA. Dan ifisser li l-ekonomija nazzjonali hija trattata fl-intier tagħha fl-EW-MFA u, eż., il-kunsinni ta' prodotti fi ħdan l-industrija mhumiex deskritti. Il-flussi naturali fl-ambjent naturali huma esklużi bl-istess mod.

▼ B**Taqsim 3**

LISTA TA' KARATTERISTIĊI

L-Istati Membri għandhom jipproduċu statistika dwar il-karatteristiċi elenkati fit-Taqsim 5 għall-EW-MFA, fejn applikabbli.

1. L-estrazzjoni domestika (DE) tkopri l-ammont annwali ta' materjali f'għamla solida, likwida jew gassuża (minbarra l-arja u l-ilma) li jiġu estratti mill-ambjent naturali biex jintużaw bħala dħul fl-ekonomija.
2. L-importazzjonijiet fiżiċi u l-esportazzjonijiet fiżiċi jkopru l-prodotti bażiċi kollha importati jew esportati f'unitajiet ta' massa. Il-prodotti bażiċi kkummerċjalizzati jinkludu oġġetti fl-istadji kollha ta' proċessar, minn prodotti mhux raffinati għal prodotti lesti.

▼ M2**Taqsim 4**

L-EWWEL SENA TA' REFERENZA, FREKWENZA U SKADENZI GĦAT-TRAŻMISSJONI

1. L-istatistika għandha tiġi kumpilata u trażmessa fuq bażi annwali.
2. L-istatistiċi għandhom jiġu trażmessi fi żmien 16-il xahar mit-tmiem tas-sena ta' referenza. Dan japplika mis-sena ta' referenza 2021.
3. Sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-utent għal settijiet ta' *data* kompleti u fil-ħin, malli jkun hemm disponibbli *data* suffiċjenti ta' pajjiż, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tipproduċi stimi għat-totali tal-UE-27 għall-aggregati prinċipali ta' dan il-modulu. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha, kull fejn possibbli, tipproduċi u tippubblika stimi għad-*data* li ma ġietx trażmessa mill-Istati Membri fl-iskadenza speċifikata fil-punt 2.
4. L-ewwel sena ta' referenza hija l-2021.
5. F'kull trażmissjoni ta' *data* lill-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jipprovdu *data* annwali għas-snin n-4, n-3, n-2, n-1 u n, fejn n hija s-sena ta' referenza. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu kwalunkwe *data* disponibbli għas-snin ta' qabel l-2017.

Taqsim 5

TABELLI TA' RAPPORTAR

Għandha tiġi prodotta *data*, espressa f'unitajiet ta' massa, għall-karatteristiċi elenkati fit-tabelli li ġejjin.

Tabella A — Estrazzjoni domestika

MF.1	Bijomassa
MF.1.1	Għelejjel (minbarra l-għelejjel tal-foraġġ)
MF.1.1.1	Ċereali
MF.1.1.2	Għeruq, tuberi
MF.1.1.3	Għelejjel taz-zokkor
MF.1.1.4	Bus u ħemes
MF.1.1.5	Ġwież
MF.1.1.6	Għelejjel għall-produzzjoni taż-żejt

▼ **M2**

- MF.1.1.7 Ħxejjex
- MF.1.1.8 Frott
- MF.1.1.9 Fibri
- MF.1.1.A Għelejjel oħra (minbarra l-għelejjel tal-foraġġ) mhux klassifikati banda oħra (n.e.c.)
- MF.1.2 Residwi tal-għelejjel (użati), għelejjel tal-foraġġ u bijomassa għall-mergħa
- MF.1.2.1 Residwi tal-għelejjel (użati)
- MF.1.2.1.1 Tiben
- MF.1.2.1.2 Residwi oħra tal-għelejjel (weraq tal-pitravi taz-zokkor u tal-foraġġ, eċċ.)
- MF.1.2.2 Għelejjel tal-foraġġ u bijomassa għall-mergħa
- MF.1.2.2.1 Għelejjel tal-foraġġ (inkluż bijomassa maħsuda mill-bur)
- MF.1.2.2.2 Bijomassa għall-mergħa
- MF.1.3 Injam
- MF.1.3.1 Injam ippreparat (injam tond industrijali)
- MF.1.3.2 Karburant mill-injam u estrazzjoni oħra
- MF.1.4 Qbid ta' ħut selvaġġ, pjanti u annimali akkwatiċi, kaċċa u ħsad
- MF.1.4.1 Qbid ta' ħut selvaġġ
- MF.1.4.2 L-annimali u l-pjanti akkwatiċi l-oħra kollha
- MF.1.4.3 Kaċċa u ħsad
- MF.2 Minerali tal-metall (minerali gross)
- MF.2.1 Hadid
- MF.2.2 Metall mhux ferruż
- MF.2.2.1 Ram
- MF.2.2.2 Nikil
- MF.2.2.3 Ċomb
- MF.2.2.4 Żingu
- MF.2.2.5 Landa
- MF.2.2.6 Deheb, fidda, platinu u metalli prezzjużi oħra
- MF.2.2.7 Boksajt u aluminju ieħor
- MF.2.2.8 Uranju u torju

▼ **M2**

MF.2.2.9	Metalli oħra mhux ferrużi
MF.3	Minerali mhux metalliċi
MF.3.1	Irĥam, granit, blat ramli, porfirju, bażalt, ġebel ieħor għall-użu orna- mentali jew għall-bini (minbarra l-lavanja)
MF.3.2	Ġibs u dolomit
MF.3.3	Lavanja
MF.3.4	Minerali kimiċi u fertilizzanti
MF.3.5	Melħ
MF.3.6	Ġebbla tal-ġir u ġipsu
MF.3.7	Tafal u kawlina
MF.3.8	Ramel u żrar
MF.3.9	Minerali oħra mhux metalliċi n.e.c.
MF.3.A	Materjali mħaffrin mill-art (inkluż il-ħamrija), jekk ikunu użati biss (rapportar fakultattiv)
MF.4	Materjali/vetturi ta' enerġija mill-fossili
MF.4.1	Faħam u materjali/vetturi solidi oħra ta' enerġija
MF.4.1.1	Linjite (faħam kannella)
MF.4.1.2	Antraċit
MF.4.1.3	Shale bituminuż u ramel tal-qatran
MF.4.1.4	Pit
MF.4.2	Materjali/vetturi ta' enerġija likwidi u gassużi
MF.4.2.1	Żejt grezz, kondensat u likwidi tal-gass naturali (NGL)
MF.4.2.2	Gass naturali
Tabelli B (Importazzjonijiet — Kummerċ totali) u D (Esportazzjonijiet — Kummerċ totali)	
MF.1	Bijomassa
MF.1.1	Għelejjel (minbarra l-għelejjel tal-foraġġ)
MF.1.1.1	Ċereali
MF.1.1.2	Għeruq, tuberi
MF.1.1.3	Għelejjel taz-zokkor
MF.1.1.4	Bus u ħemes
MF.1.1.5	Ġwież
MF.1.1.6	Għelejjel għall-produzzjoni taż-żejt

▼ **M2**

- MF.1.1.7 Ħxejjex
- MF.1.1.8 Frott
- MF.1.1.9 Fibri
- MF.1.1.A Għelejjel oħra (minbarra l-għelejjel tal-foraġġ) n.e.c.
- MF.1.2 Residwi tal-għelejjel (użati), għelejjel tal-foraġġ u bijomassa għall-mergħa
- MF.1.2.1 Residwi tal-għelejjel (użati)
- MF.1.2.1.1 Tiben
- MF.1.2.1.2 Residwi oħra tal-għelejjel (weraq tal-pitravi taz-zokkor u tal-foraġġ, eċċ.)
- MF.1.2.2 Għelejjel tal-foraġġ u bijomassa għall-mergħa
- MF.1.2.2.1 Għelejjel tal-foraġġ (inkluż bijomassa maħsuda mill-bur)
- MF.1.3 Injam
- MF.1.3.1 Injam ippreparat (injam tond industrijali)
- MF.1.3.2 Karburant mill-injam u estrazzjoni oħra
- MF.1.4 Qbid ta' ħut selvaġġ, pjanti u annimali akkwatiċi, kaċċa u ħsad
- MF.1.4.1 Qbid ta' ħut selvaġġ
- MF.1.4.2 L-annimali u l-pjanti akkwatiċi l-oħra kollha
- MF.1.5 Annimali ħajjin u prodotti tal-annimali (eskluż il-ħut selvaġġ, pjanti u annimali akkwatiċi, annimali kkaċċjati)
- MF.1.5.1 Annimali ħajjin (eskluż il-ħut selvaġġ, pjanti u annimali akkwatiċi, annimali kkaċċjati)
- MF.1.5.2 Laħam u preparazzjonijiet tal-laħam
- MF.1.5.3 Prodotti tal-ħalib, għasafar, bajd u għasel
- MF.1.5.4 Prodotti oħra mill-annimali (fibri, ġlud, ġlud bil-pil, ġilda tal-annimali eċċ)
- MF.1.6 Prodotti prinċipalment mill-bijomassa
- MF.2 Minerali tal-metall (minerali gross)
- MF.2.1 Hadid
- MF.2.2 Metall mhux ferruż
- MF.2.2.1 Ram
- MF.2.2.2 Nikil
- MF.2.2.3 Ċomb

▼ **M2**

- MF.2.2.4 Żingu
- MF.2.2.5 Landa
- MF.2.2.6 Deheb, fidda, platinu u metalli prezzjużi oħra
- MF.2.2.7 Boksajt u aluminju ieħor
- MF.2.2.8 Uranju u torju
- MF.2.2.9 Metallu oħra mhux ferużi
- MF.2.3 Prodotti prinċipalment mill-metalli
- MF.3 Minerali mhux metalliċi
- MF.3.1 Irħam, granit, blat ramli, porfirju, bażalt, ġebel ieħor għall-użu orna-mentali jew għall-bini (minbarra l-lavanja)
- MF.3.2 Ġibs u dolomit
- MF.3.3 Lavanja
- MF.3.4 Minerali kimiċi u fertilizzanti
- MF.3.5 Melħ
- MF.3.6 Ġebli tal-ġir u ġipsu
- MF.3.7 Tafal u kawlina
- MF.3.8 Ramel u żrar
- MF.3.9 Minerali oħra mhux metalliċi n.e.c.
- MF.3.B Prodotti prinċipalment mill-minerali mhux metalliċi
- MF.4 Materjali/vetturi ta' enerġija mill-fossili
- MF.4.1 Faħam u materjali/vetturi solidi oħra ta' enerġija
- MF.4.1.1 Linjite (faħam kannella)
- MF.4.1.2 Antraċit
- MF.4.1.3 Shale bituminuż u ramel tal-qatran
- MF.4.1.4 Pit
- MF.4.2 Materjali/vetturi ta' enerġija likwidi u gassużi
- MF.4.2.1 Żejt grezz, kondensat u likwidi ta' gass naturali (LNG)
- MF.4.2.2 Gass naturali
- MF.4.2.3 Karburanti maħżuna (Importazzjonijiet: minn unitajiet residenti barra mill-pajjiż; Esportazzjonijiet: minn unitajiet mhux residenti domesti-kament)
- MF.4.2.3.1 Karburant għat-trasport fuq l-art

▼M2

MF.4.2.3.2 Karburant għat-trasport fuq l-ilma

MF.4.2.3.3 Karburant għat-trasport bl-ajru

MF.4.3 Prodotti prinċipalment minn prodotti fossili enerġetiċi

MF.5 Prodotti oħra

MF.6 Skart għat-trattament finali u r-rimi

▼B**Taqsim 6****IT-TUL TA' ŻMIEN MASSIMU TAL-PERIJODI TRANŻITORJI**

Għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness, it-tul ta' żmien massimu tal-perijodu tranżitorju huwa ta' sentejn mill-iskadenza għall-ewwel trażmissjoni.

▼ **M1***ANNEX IV***MODULU GĦALL-KONTIJJET TAL-PROTEZZJONI TAL-INFIQ AMBJENTALI****Taqsim 1****GĦANIJET**

Il-kontijiet tal-protezzjoni u l-infiq ambjentali jippreżentaw dejta, b'mod li hija kompatibbli mad-dejta rrapportata skont is-Sistema Ewropea tal-Kontijiet (ESA), dwar l-infiq għall-protezzjoni ambjentali, jiġifieri r-riżorsi ekonomiċi ddedikati minn unitajiet residenti għall-protezzjoni ambjentali. Tali kontijiet jippermettu l-kompilazzjoni tal-infiq nazzjonali għall-protezzjoni tal-ambjent li huwa ddefinit bħala s-somma tal-użi tas-servizzi għall-protezzjoni tal-ambjent minn unitajiet residenti u l-formazzjoni grossa tal-kapital fiss (GFCF) għall-attivitajiet tal-protezzjoni tal-ambjent u tat-trasferimenti għall-protezzjoni tal-ambjent li mhumex kontroparti tal-punti ta' qabel, li minnhom jitnaqqsu l-finanzjamenti mogħtija mill-bqija tad-dinja.

Il-kontijiet tal-protezzjoni u l-infiq ambjentali għandhom jużaw l-informazzjoni eżistenti minn kontijiet nazzjonali (produzzjoni u ġenerazzjoni tal-kontijiet tal-introjt; GFCF skont NACE, tabelli tal-provvista u l-użu; dejta ibbażata fuq il-klassifikazzjoni tal-funzjonijiet tal-gvern), statistika strutturali tan-negozju, reġistru tan-negozju u sorsi oħra.

Dan l-Anness jiddefinixxi d-dejta li għandha tiġi miġbura, ikkumulata, trażmessa u evalwata għall-finijiet tal-protezzjoni u l-infiq ambjentali mill-Istati Membri.

Taqsim 2**KOPERTURA**

Il-kontijiet tal-protezzjoni u l-infiq ambjentali għandhom l-istess konfini tas-sistema bħall-ESA u juru l-infiq għall-protezzjoni ambjentali għall-attivitajiet prinċipali, sekondarji u anċillari. Huma koperti s-setturi li ġejjin:

- amministrazzjoni pubblika (inklużi l-istituzzjonijiet li ma jagħmlux profitt u li jagħtu servizz lill-familji) u l-korporazzjonijiet bħas-setturi istituzzjonali li jipproduċu servizzi għall-protezzjoni tal-ambjent. Il-produtturi speċjalizzati jipproduċu servizzi għall-protezzjoni tal-ambjent bħala l-attività prinċipali tagħhom,
- l-unità domestika, l-amministrazzjoni pubblika u l-korporazzjonijiet bħala konsumaturi tas-servizzi għall-protezzjoni tal-ambjent,
- il-bqija tad-dinja bħala benefiċjarja jew l-orijini tat-trasferimenti għall-protezzjoni tal-ambjent.

▼ **M2****Taqsim 3****LISTA TA' KARATTERISTIĊI**

L-Istati Membri għandhom jipproduċu l-kontijiet tan-nefqa għall-protezzjoni ambjentali skont il-karatteristiċi li ġejjin li huma definiti f'konformità mal-ESA:

- output ta' servizzi għall-protezzjoni tal-ambjent. Issir distinzjoni bejn l-output tas-suq, l-output mhux tas-suq u l-output ta' attivitajiet anċillari,
- konsum intermedju ta' servizzi għall-protezzjoni ambjentali

▼ **M2**

- konsum intermedju ta' servizzi għall-protezzjoni ambjentali għall-produzzjoni ta' servizzi għall-protezzjoni ambjentali,
- importazzjonijiet u esportazzjonijiet ta' servizzi għall-protezzjoni ambjentali,
- taxxa fuq il-valur miżjud (VAT) u taxxi oħra minus is-sussidji fuq il-prodotti ta' servizzi għall-protezzjoni ambjentali,
- formazzjoni grossa tal-kapital fiss u akwiżizzjonijiet minus id-disponimenti ta' assi mhux finanzjarji u mhux prodotti għall-produzzjoni ta' servizzi għall-protezzjoni ambjentali,
- konsum finali ta' servizzi għall-protezzjoni ambjentali,
- trasferimenti għall-protezzjoni ambjentali (riċevuti/mħallsa).

Id-*data* kollha għandha tiġi rapportata f'miljuni, fil-munita nazzjonali.

Taqsim 4**L-EWWEL SENA TA' REFERENZA, FREKWENZA U SKADENZI GĦAT-TRAŻMISSJONI**

1. L-istatistika għandha tiġi kumpilata u trażmessa fuq bażi annwali.
2. L-istatistiċi għandhom jiġu trażmessi fi żmien 24 xahar mit-tmiem tas-sena ta' referenza. Dan japplika mis-sena ta' referenza 2020.
3. Sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-utent għal settijiet ta' *data* kompleti u fil-ħin, malli jkun hemm disponibbli *data* suffiċjenti ta' pajjiż, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tipproduċi stimi għat-totali tal-UE-28 għall-aggregati prinċipali ta' dan il-modulu. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha, kull fejn possibbli, tipproduċi u tippubblika stimi għad-*data* li ma ġietx trażmessa mill-Istati Membri fl-iskadenza speċifikata fil-punt 2.
4. L-ewwel sena ta' referenza hija l-2020.
5. F'kull trażmissjoni ta' *data* lill-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jipprovdu *data* annwali għas-snin $n - 2$, $n - 1$ u n , fejn n hija s-sena ta' referenza. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu kwalunkwe *data* disponibbli għas-snin ta' qabel l-2018.

Taqsim 5**TABELLI TA' RAPPORTAR**

1. Għall-karatteristiċi msemmija fit-Taqsim 3, id-*data* għandha tiġi rapportata skont din id-diżaggregazzjoni:
 - tipi ta' produttori/konsumaturi ta' servizzi għall-protezzjoni ambjentali kif definiti fit-Taqsim 2,
 - klassijiet tal-klassifikazzjoni tal-attivitajiet għall-protezzjoni ambjentali (CEPA) miġbura kif ġej:
 - CEPA 1
 - CEPA 2
 - CEPA 3
 - CEPA 4
 - CEPA 5

▼ M2

- CEPA 6
- Somma tas-CEPA 7, CEPA 8 u CEPA 9
- Id-diżaggregazzjonijiet tan-NACE li ġejjin għall-produzzjoni anċillari ta' servizzi għall-protezzjoni ambjentali: NACE Rev. 2 B, C, D, Diviżjoni 36. Id-*data* għat-taqsimi C għandha tiġi preżentata kif ġej:
- NACE C10-C12 - Manifattura tal-prodotti alimentari; xorb u prodotti tat-tabakk
- NACE C17 - Manifattura tal-karti u tal-prodotti tal-karti
- NACE C19-20 - Manifattura tal-kokk, kimiċi u petrolium raffinat u prodotti kimiċi
- NACE C 21-23 - Manifattura tal-prodotti mediċinali, lastiku, plastik u prodotti oħra mhux metalliċi
- NACE C 24 - Manifattura ta' metalli bażiċi
- NACE C 25-30 - Manifattura ta' prodotti tal-metall fabbrikat, inkluż magni u tagħmir
- NACE C13-16, 18, 31-33 - attivitajiet oħra tal-manifattura

L-Istati Membri fejn l-ammont totali tal-fatturat jew l-għadd ta' persuni impjegati f'wieħed jew aktar minn dawn id-diżaggregazzjonijiet tan-NACE jirrappreżenta inqas minn 1 % tat-total tal-Unjoni, ma għandhomx għalfejn jipprovdu *data* għal dawk id-diżaggregazzjonijiet tan-NACE.

2. Il-klassijiet tas-CEPA msemmija fil-punt 1 huma kif ġej:

- CEPA 1 — Protezzjoni tal-arja ambjentali u l-klima
- CEPA 2 — Ġestjoni tal-ilma mormi
- CEPA 3 — Immaniġjar tal-iskart
- CEPA 4 — Protezzjoni u rrijabilitazzjoni tal-ħamrija, tal-ilma tal-pjan u tal-ilma tal-wiċċ
- CEPA 5 — Tnaqqis tal-istorbju u l-vibrazzjoni
- CEPA 6 — Protezzjoni tal-bijodiversità u tal-pajsaġġi
- CEPA 7 — Protezzjoni kontra r-radżazzjoni
- CEPA 8 — Riċerka u żvilupp ambjentali
- CEPA 9 — Attivitajiet oħra għall-protezzjoni ambjentali.

▼ M1**Taqsimi 6****TUL TA' ŻMIEN MASSIMU TAL-PERJODI TRANŻITORJI**

Għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness, it-tul ta' żmien massimu tal-perjodu tranżitorju huwa ta' sentejn mill-iskadenza tal-ewwel trażmissjoni.

▼ **M1***ANNEX V***MODULU GĦALL-KONTIJJET TAS-SETTUR TAL-PRODOTTI U S-SERVIZZI AMBJENTALI****Taqsim 1****GHANIJJET**

L-istatistika dwar il-prodotti u s-servizzi ambjentali jirreġistraw u jippreżentaw dejta dwar l-attivitajiet ta' produzzjoni tal-ekonomiji nazzjonali li jiġġeneraw prodotti ambjentali b'mod li tkun kompatibbli mad-dejta rrappurtata skont l-ESA.

Il-kontijiet tas-settur tal-prodotti u s-servizzi ambjentali għandhom jagħmlu użu ta' informazzjoni li diġà teżisti mill-kontijiet nazzjonali, statistika strutturali tan-negozju, reġistru tan-negozju u sorsi oħra.

Dan l-Anness jiddefinixxi d-dejta li għandha tiġi miġbura, ikkumpilata, trażmessa u evalwata għall-kontijiet tal-prodotti u s-servizzi ambjentali mill-Istati Membri.

Taqsim 2**KOPERTURA**

Is-settur tal-prodotti u s-servizzi ambjentali għandu l-istess konfini tas-sistema bħall-ESA u jikkonsisti fil-prodotti u s-servizzi ambjentali kollha li jinħolqu fil-konfini ta' produzzjoni. L-ESA tiddefinixxi l-produzzjoni bħala l-attività li titwettag taħt il-kontroll u r-responsabbiltà ta' unità istituzzjonali li tuża riżorsi bħal ħidma, kapital u prodotti u servizzi, biex tipproduċi prodotti u servizzi.

Il-prodotti u s-servizzi ambjentali jaqgħu fil-kategoriji li ġejjin: servizzi ambjentali speċifiċi, prodotti bl-iskop unikament ambjentali (prodotti konness), prodotti adattati u teknoloġiji ambjentali.

▼ **M2****Taqsim 3****LISTA TA' KARATTERISTIĊI**

L-Istati Membri għandhom jipproduċu l-istatistika dwar l-ekoindustrija skont il-karatteristiċi li ġejjin:

- l-output tal-ekoindustrija kollha u tal-attivitajiet tas-suq,
- l-esportazzjonijiet tal-ekoindustrija kollha,
- il-valur miżjud tal-ekoindustrija kollha u tal-attivitajiet tas-suq,
- l-impjieg fl-ekoindustrija kollha u tal-attivitajiet tas-suq.

Id-data kollha għandha tiġi rapportata f'miljuni, fil-munita nazzjonali, għajr għall-karatteristika tal-“impjiegi” li għaliha l-unità ta' rapportar għandha tkun għal “ekwivalenti full-time”.

Taqsim 4**L-EWWEL SENA TA' REFERENZA, FREKWENZA U SKADENZI GĦAT-TRAŻMISSJONI**

1. L-istatistika għandha tiġi kumpilata u trażmessa fuq bażi annwali.
2. L-istatistiċi għandhom jiġu trażmessi fi żmien 22 xahar mit-tmiem tas-sena ta' referenza. Dan japplika mis-sena ta' referenza 2020.

▼ **M2**

3. Sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-utent għal settijiet ta' *data* kompleti u fil-ħin, malli jkun hemm disponibbli *data* suffiċjenti ta' pajjiż, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tipproduċi stimi għat-totali tal-UE-28 għall-aggregati prinċipali ta' dan il-modulu. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha, kull fejn possibbli, tipproduċi u tippubblika stimi għad-*data* li ma ġietx trażmessa mill-Istati Membri fl-iskadenza speċifikata fil-punt 2.
4. L-ewwel sena ta' referenza hija l-2020.
5. F'kull trażmissjoni ta' *data* lill-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jipprovdu *data* annwali għas-snin $n - 2$, $n - 1$ u n , fejn n hija s-sena ta' referenza. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu kwalunkwe *data* disponibbli għas-snin ta' qabel l-2018.

Taqsim 5

TABELLI TA' RAPPORTAR

1. Għall-karatteristiċi msemmija fit-Taqsim 3, id-*data* għandha tiġi rapportata bil-klassifikazzjoni inkroċjata:

— klassifikazzjoni ta' attivitajiet ekonomiċi, NACE Rev. 2 miġbura kif ġej:

— NACE A

— NACE B

— NACE C

— NACE D

— NACE E

— NACE F

— NACE J

— NACE M

— NACE O

— NACE P

— Somma ta' NACE G+NACE H+NACE I+NACE K+NACE L+NACE N+NACE Q+NACE R+ NACE S + NACE T + NACE U

— klassijiet tal-klassifikazzjoni tal-attivitajiet għall-protezzjoni ambjentali (CEPA) u l-klassifikazzjoni tal-attivitajiet ta' ġestjoni tar-riżorsi (CreMA) miġbura kif ġej:

— CEPA 1

— CEPA 2

— CEPA 3

— CEPA 4

— CEPA 5

— CEPA 6

▼ M2

- Somma tas-CEPA 7, CEPA 8 u CEPA 9
- CReMA 10
- CReMA 11
- CReMA 13
- CReMA 13 A
- CReMA 13B
- CReMA 13C
- CReMA 14
- Somma ta' CReMA 12, CReMA 15 u CReMA 16

2. Il-klassijiet tas-CEPA msemija fil-punt 1 huma kif inهما stabbiliti fl-Anness IV. Il-klassijiet CReMA msemija fil-punt 1 huma kif ġej:

- CReMA 10 — Ġestjoni tal-ilma
- CReMA 11 — Ġestjoni tar-riżorsi tal-foresti
- CReMA 12 — Ġestjoni tal-flora u fauna selvaġġi
- CReMA 13 — Ġestjoni tar-riżorsi tal-enerġija:
- CReMA 13 A — Produzzjoni ta' enerġija minn riżorsi rinnovabbli
- CReMA 13B — Iffrankar u ġestjoni tas-sħana/enerġija
- CReMA 13C — Minimizzazzjoni tal-użu tal-enerġija fossili bħala materja prima
- CReMA 14 — Ġestjoni tal-minerali
- CReMA 15 — Attivitàjiet ta' riċerka u żvilupp għall-ġestjoni tar-riżorsi
- CReMA 16 — Attivitàjiet oħra ta' ġestjoni tar-riżorsi.

▼ M1**Taqsim 6****TUL TA' ŻMIEN MASSIMU TAL-PERJODI TRANŻITORJI**

Għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness, it-tul ta' żmien massimu tal-perjodu tranżitorju huwa ta' sentejn mill-iskadenza tal-ewwel trażmissjoni.



M1

ANNEX VI

MODULU GĦALL-KONTIJJET TAL-FLUSSI FIŻIĊI TA' ENERĠĠJA

Taqsim 1

GĦANIJET

Il-kontijiet tal-flussi fiżiċi ta' enerġija jippreżentaw dejta dwar il-flussi fiżiċi tal-enerġija espressa f'terajoules b'mod li tkun kompletament kompatibbli mal-ESA. Il-kontijiet tal-flussi fiżiċi ta' enerġija jirreġistraw dejta dwar l-enerġija relatata mal-attivitajiet ekonomiċi tal-unitajiet residenti tal-ekonomiji nazzjonali f'analiżi skont l-attività ekonomika. Dawn jippreżentaw l-oriġini u d-destinazzjoni tar-riżorsi ta' enerġija naturali, tal-prodotti ta' enerġija u tar-residwi ta' enerġija. L-attivitajiet ekonomiċi jinkludu l-produzzjoni, il-konsum u l-akkumulazzjoni.

Dan l-Anness jiddefinixxi d-dejta li għandha tiġi miġbura, ikkumpilata, trażmessa u vvalutata għall-kontijiet tal-flussi fiżiċi ta' enerġija mill-Istati Membri.

Taqsim 2

KOPERTURA

Il-kontijiet tal-flussi fiżiċi ta' enerġija għandhom l-istess konfini tas-sistema bħall-ESA u huma bbażati wkoll fuq l-istess prinċipju ta' residenza.

F'konformità mal-ESA, unità hija ddefinita bħala unità residenti ta' pajjiż meta jkollha ċentru ta' interess ekonomiku fit-territorju ekonomiku ta' dak il-pajjiż, jiġifieri, meta għal perjodu estiż (sena jew aktar) din tinvolvi ruħha f'attivitajiet ekonomiċi f'dak it-territorju.

Il-kontijiet tal-flussi fiżiċi ta' enerġija jirreġistraw flussi fiżiċi ta' enerġija li jirriżultaw mill-attivitajiet tal-unitajiet residenti kollha, mingħajr ma jitqies minn fejn dawn il-flussi jkunu ġejjin ġeografikament.

Il-kontijiet tal-flussi fiżiċi ta' enerġija jirreġistraw il-flussi fiżiċi ta' enerġija mill-ambjent għall-ekonomija, fl-ekonomija, u mill-ekonomija lura għall-ambjent.

Taqsim 3

LISTA TA' KARATTERISTIĊI

L-Istati Membri għandhom jipproduċu il-kontijiet tal-flussi fiżiċi ta' enerġija skont il-karatteristiċi li ġejjin:

— il-flussi fiżiċi ta' enerġija miġbura fi tliet kategoriji ġeneriċi:

(i) ir-riżorsi ta' enerġija naturali,

(ii) il-prodotti ta' enerġija,

(iii) ir-residwi ta' enerġija.

— l-oriġini tal-flussi fiżiċi ta' enerġija miġbura f'ħames kategoriji: il-produzzjoni, il-konsum, l-akkumulazzjoni, il-bqija tad-dinja u l-ambjent,

— id-destinazzjoni tal-flussi fiżiċi, miġbura fl-istess ħames kategoriji bħall-oriġini tal-flussi fiżiċi ta' enerġija.

Id-dejta kollha għandha tiġi rappurtata f'terajoules.

▼ **M1****Taqsim 4****L-EWWEL SENA TA' REFERENZA, FREKWENZA U SKADENZI TAT-TRAŻMISSJONI**

1. L-istatistika għandha tiġi kkompilata u trażmessa fuq bażi annwali.
2. L-istatistika għandha tiġi trażmessa fi żmien 21 xahar mit-tmiem tas-sena ta' referenza.
3. Sabiex jiġu sodisfatti l-ħtiġijiet tal-utent għal settijiet ta' dejta kompleti u fil-ħin, il-Kummissjoni (Eurostat) għandha tipproduċi stimi għat-totali tal-UE-28 għall-aggregati prinċipali ta' dan il-modulu, hekk kif tkun disponibbli dejta suffiċjenti skont il-pajjiżi. Il-Kummissjoni (Eurostat) għandha, kull fejn possibbli, tipproduċi u tippubblika stimi għad-dejta li ma ġietx trażmessa mill-Istati Membri fl-iskadenzi speċifikati fil-punt 2.
4. L-ewwel sena ta' referenza hija l-2015.
5. Fl-ewwel trażmissjoni ta' dejta, l-Istati Membri għandhom jinkludu d-dejta annwali mill-2014 sal-ewwel sena ta' referenza.
6. F'kull trażmissjoni sussegwenti ta' dejta lill-Kummissjoni, l-Istati Membri għandhom jipprovdu dejta annwali għas-snin $n-2$, $n-1$ u n , fejn n hija s-sena ta' referenza. L-Istati Membri jistgħu jipprovdu kwalunkwe dejta disponibbli għas-snin li jiġu qabel l-2014.

Taqsim 5**TABELLI TA' RAPPORTAR**

1. Għall-karatteristiċi msemmija fit-Taqsim 3, għandha tiġi rappurtata d-dejta li ġejja f'unitajiet fiżiċi:
 - Tabella tar-riżorsi għall-flussi ta' enerġija: Din it-tabella tirreġistra r-riżorsi ta' enerġija naturali, il-prodotti ta' enerġija u r-residwi ta' enerġija (ringieli) skont l-orijini, jiġifieri 'l-fornitur'(kolonni).
 - Tabella tal-użi tal-flussi ta' enerġija: Din it-tabella tirreġistra r-riżorsi ta' enerġija naturali, il-prodotti ta' enerġija u r-residwi ta' enerġija (ringieli) skont id-destinazzjoni, jiġifieri 'l-utent'(kolonni).
 - Tabella tal-użi tal-flussi ta' enerġija rilevanti għall-emissjonijiet: Din it-tabella tirreġistra l-użu tar-riżorsi ta' enerġija naturali u l-prodotti tal-enerġija rilevanti għall-emissjonijiet (ringieli) permezz tal-unità ta' użu u emissjoni (kolonni).
 - Tabella ta' konkordanza li turi l-elementi differenti li jiffurmaw id-differenza bejn il-kontijiet tal-enerġija u l-bilanċi tal-enerġija.
2. It-tabelli tar-riżorsi u tal-użi tal-flussi ta' enerġija (inklużi l-flussi rilevanti għall-emissjonijiet) jitqassmu b'mod komuni f'termini ta' ringieli u kolonni.
3. Il-kolonni jindikaw l-orijini (provvista) jew id-destinazzjoni (użu) tal-flussi fiżiċi. Il-kolonni huma miġbura f'fames kategoriji:
 - 'Produzzjoni' li hija relatata mal-produzzjoni ta' prodotti u servizzi. L-attivitajiet ta' produzzjoni huma kklassifikati skont NACE Rev. 2 u d-dejta hija rappurtata fil-livell ta' aggregazzjoni A*64.

▼ M1

- L-attivitajiet ta' 'konsum' huma ppreżentati b'hal total u diviżi wkoll fi tliet subklassijiet (trasport, tisħin/tkessiġ, oħrajn) għall-konsum finali tal-unitajiet domestiċi privati.
 - 'Akkumulazzjoni' tirreferi għall-bidliet fl-istokk tal-prodotti ta' enerġija fl-ekonomija.
 - 'Il-bqija tad-dinja' tirreġistra l-flussi tal-prodotti importati u esportati.
 - 'Ambjent' tirreġistra l-orijini tal-flussi tar-riżorsi naturali u d-destinazzjoni tal-flussi residwali.
4. Ir-ringieli jiddeskrivu t-tip ta' flussi fiżiċi kklassifikati fl-ewwel inċiż tat-Taqsima 3.
5. Il-klassifikazzjoni tar-riżorsi ta' enerġija naturali, tal-prodotti ta' enerġija u tar-residwi ta' enerġija hija kif ġej:
- ir-riżorsi ta' enerġija naturali huma miġbura f'riżorsi ta' enerġija naturali mhux rinnovabbli u f'riżorsi ta' enerġija naturali rinnovabbli.
 - il-prodotti ta' enerġija huma miġbura skont il-klassifikazzjoni użata fl-istatistika Ewropea tal-enerġija,
 - ir-residwi ta' enerġija jinkludu l-iskart (mingħajr valur monetarju); it-telf matul l-estrazzjoni/l-astrazzjoni, id-distribuzzjoni/it-trasport, it-trasformazzjoni/il-konverżjoni u l-ħżin; kif ukoll l-ibbilanċjar tal-elementi biex jibbilanċjaw l-provvista u l-użu tat-tabelli.
6. Il-'korrelazzjoni' bejn l-indikatur prinċipali skont il-prinċipju ta' residenza u l-indikatur ibbażat fuq it-territorju hija ppreżentata għall-ekonomija nazzjonali kollha (l-ebda suddiviżjoni għal kull industrija) u tinkiseb kif ġej:
- użu totali ta' enerġija b'unitajiet residenti
- użu ta' enerġija b'unitajiet residenti barra mill-pajjiż
 - + użu ta' enerġija minn persuni fit-territorju li mhumiex residenti
 - + id-differenzi statistiċi
 - = konsum gross domestiku tal-enerġija (ibbażat fuq it-territorju)

Taqsima 6**TUL TA' ŻMIEN MASSIMU TAL-PERJODI TRANŻITORJI**

Għall-implimentazzjoni tad-dispożizzjonijiet ta' dan l-Anness, it-tul ta' żmien massimu tal-perjodu tranżitorju huwa ta' sentejn mill-iskadenza għall-ewwel trażmissjoni.